# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru tmenin (80) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar it-Tlieta, 30 t'Awwissu, 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mgħoddija b'*e-mail* mis-segretarju eżekuttiv lill-kunsillieri aktar kmieni l-ġimgħa l-oħra u dawn kienu approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li dehrilhom il-kunsillieri skond kif muri fuq il-kopja oriġinali u li kienu inizjalati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv.

Punti mill-minuti:

3. Dwar punt 6 tal-minuti preċedenti, is-sindku informa lill-kunsillieri illi l-isqaqien numri 1, 3 u 4 fi Triq il-Parroċċa tlestew bit-*tarmac* fil-ġimgħa tal-Festa ta' Santa Marija. Noel Galea qal illi madankollu hu se jiltaqa' mal-perit tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba u l-kuntrattur tal-*patterned concrete* flimkien mal-Kuntrattur *Asfaltar Ltd* biex jiddiskutu l-programm ta' xogħol għal Triq il-Fjuri. Noel Galea qal illi jirriżulta illi mill-mitħna fi Triq il-Fjuri sal-iskola, li hu tul konsiderevoli, kull ma hemm 4cm pendil biss u għalhekk se jkun diffiċli illi joħroġ l-ilma bil-pendil lejn Triq Valletta. Dan ser jaffettwa f'kull livell li jolqot din it-triq konċernata.

4. Is-sindku irrefera wkoll għall-kwotazzjoni imsemmija wkoll f'punt numru 7 dwar xogħlijiet tal-*ICT* u l-*Electrical installation* fl-uffiċċju. Hu qal illi hekk kif ikollna f'idejna ir-rapport tal-Inġinier Ellul, inkunu f'pożizzjoni illi napprovaw ir-rakkomandazzjoni tiegħu minkejja li matul din is-seduta kienet approvata l-kwotazzjoni tal-*file server* u tliet *monitors* biex jinxtraw minn għand *Alberta Fire and Security* skond kif imniżżel fil-*payment approval sheet* numru 420.

5. Noel Galea ikkummenta dwar l-eżodu li kien hemm għal punt 8 tal-minuti preċedenti dwar l-offerta tal-ġbir tal-iskart, minn naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dawn qalulna biex nimxu fid-direzzjoni li ta il-kumitat fi ħdan id-Dipartiment tal-Kuntratti filwaqt li dawn qalulna ċar u tond illi m'għandhomx x'jaqsmu u ħallew f'idejn il-KLM sabiex jiddeċiedi hu. Il-kunsillieri interpretaw dan kollu bħal meta wieħed imur minn għand Qajfas għal għand Pilatu. Għaldaqstant id-deċiżjoni dwar dan kollu kien illi jekk il-Kunsill Lokali Ħal Safi jaqbel, nerġgħu noħorġu l-offerta mill-ġdid. Is-sindku qal ukoll li għandna nikkonsultaw mal-avukat tagħna dwar il-kontenut tar-risposta mill-kumitat tal-kuntratti. F'każ li jiġi deċiż li tinħareġ l-offerta, ser naraw li jekk kien hemm xi *loopholes* fid-dokument tal-offerta dawn jitneħħew. Dwar salvagwardji fid-dokument tal-offerta li ssemmew waqt id-diskussjoni biex il-KLM jkun qed jagħti ċans lil kulħadd inkluż dawk il-kolletturi li ma jkollhomx il-kumpanija tagħhom reġistrata mal-*Malta Financial Authority*, is-segretarju eżekuttiv qal illi diġà hemm salvagwarji oħra bħal dik li l-*bidder* irid ikun reġistrat mal-*MEPA* bħala *waste carrier*. Intant se naraw x'se jgħidu dwar din id-deċiżjoni il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi filwaqt li se jkun ivvettjat mill-ġdid id-dokument tal-offerta mid-deputat sindku.

6. Il-punt numru 11 li kien jittratta dwar il-Festa ta' Santa Marija li wkoll kien wieħed mill-punti tal-aġenda (*post mortem*), kien diskuss matul din is-seduta. Is-sindku qal li l-parteċipazzjoni tal-KLM fl-attivitajiet tal-festa kienu importanti. Fil-fatt fil-programm annwali vokali u strumentali li ttella' nhar l-10 t'Awwissu 2011 kien żvelat illi se tindaqq mużika għall-ewwel darba fil-programm ta' Jum l-Imqabba propju fis-serata li ssir f'Ġieh l-Imqabba.

7. Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta il-proposti li kienu diskussi fis-seduta preċedenti f'punt numru 15 lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna lil-lokalitajiet żgħar. Dawn il-proposti kienu jikkonsistu billi l-KLM jinvesti f'*cctv cameras* kemm fi Ġnien Tfal ir-Raħal kif ukoll fil-Pjazza tal-Knisja sabiex jassigura aktar trankwillità lir-residenti kif ukoll biex jitnaqqas il-vandaliżmu fil-ġnien, fuq l-għamara tiegħu.

8. Kien diskuss punt numru 16 tal-minuti tas-seduta preċedenti fejn is-segretarju eżekuttiv qal illi diġà nkitbu madwar 23 persuna biex jattendu għall-attività tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba ġewwa Għawdex biex jesperjenzaw l-Agri Turiżmu. Grace Marie Mallia qalet illi fuq il-biljetti kien hemm il-ħin tat-tluq nieqes. Dan se jkun ivverifikat filwaqt illi se niċċekkjaw jekk il-*poster* li qed jirreklama dan kollu fihx dawn id-dettalji u nċemplu lil dawk li applikaw biex ninfurmawhom b'kollox. Is-sindku qal illi l-biljetti kellhom jiġu riveduti għaliex in-noll tat-tfal se jigi €10 u mhux €15. Infatti il-kbar se jħallsu €19.50 u l-anzjani €16.

9. Is-segretarju eżekuttiv kien mitlub jirrapporta il-ħsara tal-lampa li hemm fi Triq il-Kileb quddiem ir-residenza numru 31. Din il-lampa kienet diġà irrappurtata iżda skond Nicholas Briffa il-kuntrattur qatt ma wettaq xogħol fuqha.

10. Nicholas Briffa għadda numru ta' ritratti lis-segretarju eżekuttiv sabiex dawn jiġu mgħoddija lill-kumpanija *GO plc* talli ħallew diżastru ta' *reinstatement* biex tressqet *cabinet* tat-telefons fi Ġnien Mikelanġ Sapiano. Hu saħaq ukoll sabiex il-KLM jinvesti f'kaptelli ġodda fuq kull dar li hemm fi Triq Santa Katerina propju fuq id-*drainage house connections* li jeżistu fuq il-bankini. Il-kunsillier qal illi meta dawn saru mill-KLM meta kienet qed issir il-bankina, dak iż-żmien id-deċiżjoni kienet li jsiru bi *trays* li ġie mferra' l-konkos fihom. Dawn it-*trays* tal-pjanċa saddu u r-riżultat kien illi dawn telgħu 'il fuq bil-konsegwenza illi huma ta' periklu. Hawn is-sindku qal illi nistgħu nagħmlu *slabs* tal-konkos normali u niżbgħuhom il-kulur tal-bankina.

AĠENDA:

11. Jum l-Imqabba:
Kien diskuss il-programm għal Jum l-Imqabba 2011. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal li jinħtieġ illi kemm jista' jkun malajr l-istess soċjetà tfornina bil-programm tal-mużika kollu sabiex nisiltu t-tagħrif fuq kull biċċa mużika ħalli nippreparawha lil *compare* biex taqraha qabel ma din tindaqq. Kien ukoll diskuss it-*token* li se jiġi mogħti bħala Ġieħ l-Imqabba 2011. Nicholas Briffa se jagħmel *token* bl-emblema tal-Imqabba biex jingħata b'donazzjoni flimkien mal-midalja tal-fidda ordnata għand l-istess fornitur li kien issuplixxiena bi tlieta minnhom is-sena li għaddiet. Intqal li dawn jinħtieġ li jibqgħu isiru enumerati u *engraved* bl-isem tal-persuna, u possibilment jitpoġġew f'kaxxa aktar preżentabbli minn dik li kienu fihom is-sena l-oħra. Is-sindku staqsa lis-segretarju eżekuttiv jekk kienx hemm min talab formula tan-nomina Ġieħ l-Imqabba. Is-segretarju eżekuttiv qal illi l-Kap tal-Iskola talbitu waħda għal persuna illi sfortunatament m'ilhiex toqgħod għaxar snin fl-Imqabba u għalhekk m'hix eliġibbli. Dwar il-preżentazzjoni tal-programm il-KLM ħaseb sabiex jagħti ċans lit-tfal tas-sitt sena tal-Iskola Primarja tal-Imqabba billi javviċina lil Kap tal-Iskola. Għaldaqstant se jkunu magħżula tifel u tifla biex jippreżentaw din is-serata flimkien mal-*Compare* Ms Angie Casha.

12. Id-diskussjoni kompliet billi kienet diskussa l-attività L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien. Dwar il-kompetizzjoni tat-trambil tal-knaten għal fuq it-trakk li kienet diskussa fil-laqgħat preċedenti ta' dan il-kunsill, waqt din il-laqgħa kien deċiż illi din tieħu s-sura ta' waħda individwali u mhux fi gruppi ta' tnejn. Dan se jsir hekk kif min se jkun imħajjar se jkun qed jipparteċipa billi jieħu l-kantun għal distanza ta' diversi metri fl-inqas ħin mingħajr ma jerfgħu mill-art. Is-segretarju eżekuttiv kien mitlub sabiex japplika għall-permess tal-pulizija biex jingħalqu u jintramaw it-toroq għall-attività L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien li jkun ikopri wkoll il-banda li se tgħaddi bħas-snin l-oħra minn Pjazza Ġublew tad-Djamanti, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Murselli, Triq Dun Ġeraldu Mangion, Triq in-Nazzarenu, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-9 t'April, Triq San Mikiel, Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Pjazza tal-Knisja u Triq il-Madonna tal-Ġilju. Għal dan l-avveniment intqal illi irridu naħsbu għal palk li jkun mhux inqas minn 4mt x 5mt. Dan possibilment se nippruvaw nisselfuh mid-Dipartiment tal-Kultura kif ukoll se naraw jekk hux possibbli li nerġgħu nisselfu l-*istands* li minnhom kienu qed jinbiegħu il-ħxejjex is-

sena l-oħra. Paul Spiteri qal illi jaħseb li hu propizju illi l-ikel li se jkun ippreparat miż-żewġ każini tal-banda għandu jkun imsajjar quddiem l-istess sede tagħhom. Id-deputat sindku qabel mas-sindku li nerġgħu navviċinaw lill-grupp *Go-Go Cats tramite* Michael Dingli. Semma wkoll li jeżisti grupp ieħor *rock* (li jkun għand Salvu ta' Sinna). Hawn intqal illi tas-*sound* tas-sena l-oħra ħarbat is-serata għaliex dam ma ġie u twalet iż-żejjed tant li l-grupp ta' Maestro Tanti spiċċaw bdew idoqqu wara nofs il-lejl. Il-KLM iddiskuta li dan tal-aħħar, possibilment jibda' hu bil-parteċipazzjoni tiegħu, u nispiċċaw bil-*Go-Go Cats*. Id-deputat sindku ssuġġerixxa illi jinstab *compare* ġdid biex jintroduċi t-talenti Mqabbin fuq il-palk. Minn dan kollu għad irridu nikkonfermaw kollox wara li jsir abbozz tal-programm tas-serata.

13. Intant is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat sabiex nerġgħu nieħdu s-servizzi tal-grupp (*roving*) bl-istrumenti Maltin bħaż-żavżava eċċ kif ukoll is-servizzi tal-karozzini/żwiemel. Is-segretarju eżekuttiv se jagħmel ukoll kuntatt ma' *Heritage Malta* sabiex jinfetħu l-katakombi tal-Mentna possibilment mingħajr ħlas. Is-sindku qal li minkejja li s-servizz tat-trenn mingħajr binarji li intużat is-sena l-oħra ma ħadilniex flus għaliex dan kien qed jitlob noll minn għand min kien qed jitlob is-servizz, din is-sena hu se jipprova jitolbu donazzjoni għaliex biex torganizza serata bħal din b'€4,500 biss, mhix xi ħaġa faċli. Intant se naraw jekk humiex interessati illi terġa' ssir esebizzjoni oħra fl-Isptar il-Qadim minn talent lokali bħal tal-pittura u l-iskultura.

14. Intant Grace Marie Mallia qalet illi din is-sena mhux se jkun possibbli li fil-programm għal Jum l-Imqabba norganizzaw il-*quiz* għat-tfal tal-Iskola bħalma kien qed isir kull sena. Dan għaliex l-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba 2011 għall-ewwel darba se jsiru fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru flok fit-tielet ġimgħa u mhux se jkun possibbli li t-tfal tal-iskola jilħqu jissetiljaw peress li din tkun għadha kemm bdiet. Is-sindku qal li dan il-*quiz* jista' jsir fi żmien il-Milied f'attività *ad hoc*.

15. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 420.

Punti Oħra:

16. L-uffiċjal awtorizzat mis-sistema tal-infurzar tal-liġijiet, is-Sur Borg Cardona bagħat il-ħinijiet tal-gwardjani lokali li fihom se jkunu qed joperaw għar-Reġjun u mhux il-Kumitat Konġunt taż-Żurrieq sa mill-1 ta' Settembru 2011, il-ġurnata li fiha qed ikun inawgurat mill-ġdid il-*pooling*. Kopja ta' dawn il-ħinijiet kienet mgħoddija lill-kunsillieri mill-uffiċċju permezz ta' *e-mail* li bagħtilna l-Uffiċjal Awtorizzat. Il-KLM awgura illi dan il-*pooling* u *cioè* l-amalgamazzjoni tal-infurzar tal-liġijiet mar-Reġjun fejn issa isseħibna ma' lokalitajiet kbar ħafna bħal dawk ta' Ħal Qormi u tal-Ħamrun, iħallu il-frott mixtieq tant minnha - illi ma jkunx hemm telf finanzjarju u s-sistema tkun sostenibbli.

17. Is-sindku irrefera wkoll għat-talba tat-*34U* li be ħsiebhom jisponsorjaw numru ta' siġar permezz tal-kumpanija *Malta Internatinal Airport*. Hawn intqal illi għandna nieħdu parir minn uffiċjali tal-Agrikultura sabiex naraw jekk siġar tal-Għargħar humiex addattati biex jitħawwlu f'*central strip* bħal ma hija dik fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Hawn is-segretarju eżekuttiv fakkar illi hemm siġar neqsin fl-istess triq bejn Triq il-Barrieri u Triq il-Qattara. Kienu kkunsidrati postijiet oħra fil-ġonna tagħna bħal dak tal-Ġibjun u l-ieħor ta' Tfal ir-Raħal li jidher però li huma ffullati biżżejjed bis-siġar. Dwar dan tal-aħħar is-sindku irrimarka illi saret manutenzjoni estensiva fih mill-*Works Division* fejn twettqet manutenzjoni fuq ir-*railing* tal-ħadid, għamara u żebgħa mill-ġdid tal-ħitan u l-bini tiegħu kollu.

18. Noel Galea qal illi issa għandna f'idejna l-approvazzjoni tal-*MEPA* biex jinqalgħu kemm is-siġra tal-*ficus* kif ukoll il-ħarruba li hemm fis-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin il-*pellican crossing*. Dawn kienu ħawwluhom ir-residenti biex ikollhom il-frisk mingħajr ma qatt taw każ jekk hux se jkunu ta' ħsara għall-istess karreġġjata.

19. Is-sindku semma l-korrispondenza li rċevejna minn għand ir-Reġjun tan-Nofs-in-Nhar datata 17 t'Awwissu, 2011, biex nibagħtu l-proposti tagħna għal skema ambjentali. Dwar dan is-segretarju eżekuttiv kien mitlub jikteb sabiex mill-fond ta' €50,000 disponibbli bejn ir-Reġjun kollu li huma marbuta ma' temi ambjentali, innaddfu sit 'l barra mill-abitat bħal l-inħawi tat-Torba, Triq Baskal Xuereb jew Triq is-Siġġiewi indikata lilna mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika permezz ta' *e-mail*

ftit tal-jiem ilu. Madankollu kien hemm proposti oħra bħal bdil tal-*hoarding net* tal-ġibjun f'ħitan u/jew nixtru xi qsari biex fihom inkabbru l-fjuri.

20. Is-sindku għarraf lill-kunsill illi fl-inħawi ta' Għadajma ingħata it-tarmak fi triq rurali fuq inizjattiva ta' investitur li f'barriera wżata bena mħażen kbar li qed jikrihom bħala *storage facilities*. Il-kunsill jirringrazzja lil dan it-tali talli għoġbu jagħmel użu tajjeb ta' barriera wżata u jiġġenera aktar l-ekonomija fit-territorju tagħna, kif ukoll talli minn flusu bena mill-ġdid triq li kienet minn dejjem fi stat primittiv.

21. Nicholas Briffa semma skema li fiha l-*ETC* qed tagħti opportunità lil persuni bi bżonnijiet speċjali permezz tal-*European Social Fund*. Hu ippropona lil Marisa Farrugia li toqgħod fi Triq Santa Marija biex tagħti is-sehem tagħha fl-uffiċini tagħna mingħajr ħlas għal tliet xhur biex filwaqt li din tkun qed tkun utli għas-soċjetà l-istess kunsill jibbenefika minn dawn is-servizzi. Is-sindku qabel perfettament li għandna nagħtu kull opportunità lil dawk kollha li jixtiequ jkunu utli lejn is-soċjetà. Noel Galea kompla billi talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jimla l-formoli li hemm bżonn.

22. Grace Marie Mallia innutat illi minkejja li hemm numru ta' qtates *stray* jiġġerrew barra fl-inħawi tal-iskola fi Triq Valletta, jinħtieġ illi jitpoġġa ammont ta' velenu tal-ġrieden viċin l-iskola għaliex ħerġin kwantità ta' firien fl-akwati.

23. Grace Marie Mallia semmiet il-problema tat-trasport fl-Imqabba bl-introduzzjoni tal-kumpanija *Arriva*. Hawn is-sindku qal li tlabna appuntament ma' uffiċjali ta' din il-kumpanija u jidher li mill-11 ta' Settembru 2011 se jkun hemm bdil fir-rotot. Il-problema tal-KLM hija li dik li tieħdok il-Belt Valletta m'għadiex tgħaddi mill-Pjazza tal-Knisja. Madankollu Nicholas Briffa semma wkoll il-problema li mill-Isptar Mater Dei 'l hawn jidher li l-*commuters* qed ikollhom jidħlu l-Belt u qed jagħmlu siegħat jistennew hemm fix-xemx. Noel Galea qal illi hu personali esperjenza is-servizz u l-*X2* jew *X3* tieħdok l-isptar b'ċertu effiċjenza. Hu sostna illi iċ-ċans hu li ir-rotta 72 se terġa' tgħaddi mill-pjazza u dan se jkun konfermat fil-11 ta' Settembru 2011. Intqal ukoll minn Paul Spiteri illi jidher li r-rotta 71 taż-Żurrieq qed tkun aktar frekwenti mis-72 u għalhekk hemm l-*issue* tal-ħin. Noel Galea qal li l-ħin fil-każ tal-Imqabba xorta baqa' kull nofs siegħa kif kien is-servizz qabel l-introduzzjoni tal-*Arriva*. Is-sindku kompla illi dawn l-*issues* qiegħed isegwihom personalment u ser jibqa' jinsisti sakemm isir kif jixraq għall-komunità tagħna.

24. Nicholas Briffa talab il-valur tat-toroq kemm ġew jiswew lill-Kunsill Lokali Mqabba. Hawn is-segretarju eżekuttiv wieġeb illi peress li l-kuntrattur mhux qed joħroġ il-kontijiet, mhux possibbli li nkunu eżatti. Għaldaqstant se tintalab *statement* lill-kuntrattur sabiex joħroġ il-kontijiet li fadal pendenti minnufih possibilment wara li dan għandu jkejjel l-aħħar xogħlijiet fit-toroq b'hekk inkunu f'pożizzjoni li nagħtu stampa aktar ċara tal-KLM.

25. Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm u dik li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2011 fis-6:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*13 /09 /2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |